MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tat-30 ta' Settembru, 2005

Talba Numru. 1476/2005

**Korporazzjoni ghas-Servizzi ta' l-Ilma f'isimha proprju u ghan-nom ta' l-Enemalta**

**vs**

**Alex Fezouine**

It-Tribunal;

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fil-11 ta' Lulju 2005 fejn gie mitlub li l-konvenut jigi kkundannat ihallas l-ammont ta' erba' mija tnejn u ghoxrin Liri Maltin u sitta u disghin centezmi (Lm422.96), rapprezentanti kontijiet pendenti ghall-konsum u kera ta' meters ta' l-ilma u ta' l-elettriku, li jammontaw ghas-somma ta' Lm144.52 ghall-konsum ta' l-ilma u kera ta' meter ta' l-ilma u kwantu ghas-somma ta' Lm278.44 ghall-konsum ta' l-elettriku u kera ta' meter ta' l-elettriku fil-fond Pine Court, Flat 5, Triq Annetto Caruana, St. Paul's Bay, matul il-perjodu mis-17 ta'

Marzu 1998 sat-12 t'Ottubru, skond il-kont numru 1000012940 u d-dokument anness ma' l-avviz (WSC1).

Bl-ispejjez, inkluzi Lm11.50 ta' l-ittra ufficjali tas-7 ta' Lulju 2003 u bl-imghax kummercjali, kontra l-konvenut li minn issa jinsab ingunt ghas-subizzjoni.

Ra n-nota ta' Mistoqsijiet tal-Korporazzjoni attrici sabiex il-konvenut iwiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi ppruvat ai termini ta' l-Artikolu 13 (b) tal-Kap. 380 u ta' l-Artikoli 698 (2) u 702 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ra li ghalkemm il-konvenut gie regolarment notifikat, naqas milli jidher meta gewipprezentati l-Kapitoli u anki llum, u ghalhekk in-Nota ta' Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Ghaldaqstant it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jilqa' t-talbiet attrici u jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-Korporazzjoni attrici is-somma ta' erba' mija tnejn u ghoxrin Liri Maltin u sitta u disghin centezmi (Lm422.96), bl-imghax pagabbli mid-data tal-prezentata ta' l-Avviz sal-hlas effettiv.

L-ispejjez ta’ din l-istanza u dawk ta’ l-ittra ufficjali tas-7 ta’ Lulju 2003, ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenut skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------